MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 372/2013

**Avukat Dottor Michael Zammit Maempel**

**(I.D. 51677 M)**

**bhala mandatarju specjali ghan-nom, u**

**in rapprezentanza ta’ l-assenti minn Malta**

**Lucia Garland Mizzi (I.D. 236170 M) u**

**t-tfal taghha minuri Gaia Giulia Mizzi u**

**Zoe Garland Mizzi;**

**vs**

**Stefan Borg**

**(I.D. 216978 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 t'April, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* fuq indikat sintetikament ippremetta s-segwenti:

1.1 Illi l-procedura odjerna hi intavolata *ai termini* tar-Regolament Numru (EC) 44/2001 tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Dicembru, 2000, kif emendat u rez applikabbli ghal Malta;

1.2 Illi r-rikorrenti *nomine* gie debitament awtorizzat, permezz ta' prokura specjali datata t-18 ta' Dicembru, 2012, biex jidher ghall-assenti fuq riferita u ghal ulieda, fuq ukoll riferiti, (ara foll 5);

1.3 Illi permezz ta' sentenza tat-Tribunal ta' Ragusa, l-Italja fl-ismijiet Mizzi Lucia Garland et vs Borg Stefan, (ara foll 6 u 15), l-intimat *de quo* gie dikjarat debitur tar-rikorrenti fl-ammont hemm indikat, (ara foll 1, 7, 16 u 17), u sussegwentement ikkundannat, (ara foll 8 u 19), biex ihallas

l-istess somma lill-imsemmija rikorrenti, oltre l-imghaxijiet legali dovuti sal-pagament effettiv;

1.4 Illi l-istess intimat kien ukoll ikkundannat ihallas l-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghal erbat elef, mija u hamsa u ghoxrin Ewro, (€4,125.00);

1.5 Illi s-sentenza fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel), hi ezegwibbli l-Italja;

1.6 Illi r-rikorrenti *nomine* ghandu interess jezewixxi s-sentenza fuq citata kontra l-intimat li hu cittadin Malti u/jew residenti ordinarjament f'Malta;

1.7 Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti u talab li din:

1.7.1. Tiddikjara ezegwibbli u tawtorizza ghalhekk, l-esekuzzjoni tas-sentenza fuq citata biex ir-rikorrenti *nomine* jkun jista` jezigi l-hlas ta' sebgha u erbghin elf, erba` mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€47,426.28), *oltre* l-ispejjez gudizzjarji fl-ammont ta' erbat elef, mija u hamsa u ghoxrin Ewro, (€4,125.00), bl-imghaxijiet mis-27 ta' Marzu, 2012, sal-pagament effettiv;

1.7.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Borg datata t-8 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha sintetikament irrisponda u eccepixxa s-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament is-sentenza citata mir-rikorrenti *nomine* tas-27 ta' Marzu, 2012, mhix awtentikata;

2.2. Illi ghalhekk id-digriet *de quo* hu irritwali u t-talba odjerna fir-rigward ghandha tigi michuda;

2.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* huma infondati;

2.4. Illi ghalhekk t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* ghandhom jigu michuda;

2.5. Illi s-sentenza *de quo* tmur kontra l-ordni pubbliku minhabba d-*dolo* u l-*mala fede* tar-rikorrenti;

2.6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *nomine*;

3. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

4. Semghet it-trattazzjoni orali ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

5.1. Illi in effetti l-ostakolu hemm riferit mill-intimat kien superat bil-prezentata bid-dokumenti debitament awtentikati in dizamina, (ara foll 73 *et sequitur* u dan, flimkien mad-debita traduzzjoni, (ara foll 92 *et sequitur*);

5.2. Illi ghalhekk l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat giet superata skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

6. Illi rigwardanti l-fatti sollevati mill-intimat jigi sottolineat li fil-prim' istanza tali ezami mhux permess mir-Regolamenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea in dizamina;

7. Illi kull ma din il-qorti ta' prim' istanza tista` taghmel skont l-istess Regolamenti hu li tara jekk is-sentenza quddiema pprezentata bil-ghan li tigi reza ezegwibbli hi effettivament wahda rilaxxata minn qorti ta' Membru Stat tal-Unjoni Ewropea;

8. Illi in effetti, ezami tad-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti *nomine* jissodisfaw dan il-precett;

9. Illi konsegwentement din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tirrendi ezegwibbli is-sentenza in dizamina tat-Tribunal ta' Ragusa kif tenuta;

**DECIDE**:

10.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*, tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat, u ghalhekk:

10.1. Tiddikjara ezegwibbli u tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Mizzi Lucia Garland et vs. Borg Stefan, datata s-27 ta' Marzu, 2012, rilaxxata mit-Tribunal ta' Ragusa, l-Italja, biex ir-rikorrenti *nomine* jkun jista` jezigi l-hlas fl-ammont ta' sebgha u erbghin elf, erba` mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€47,426.28), *oltre* l-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghal erbat elef, mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€4,125.00), u bl-imghaxijiet dovuti mis-27 ta' Marzu, 2012, sal-gurnata ta' l-effettiv pagament;

10.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-fuq indikat intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------